11 ta' Ottubru, 1954.

Imħallef :
L-Onor Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Ludgarda Micallef *versus* Giuseppe Micallef

**Separazzjoni Personali — Alimenti — Mara — Tfal — Art. 55 u 54 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Waqt li tkun miexja il-kawża tal-firda, ikun min ikun attur, ir-raġel jew il-mara, l-ulied li għalqu tliet snin jitħallew f'idejn il-missier, u l-ulied li ma jkunux għalqu dik l-età jitħallew ma' l-omm; kemm il-darba l-Qorti ma tordnax xort'oħra għall-aħjar ta' wieħed jew iekor mill-ulied.*

*Din hi dispożizzjoni tal-liġi li taċċenna regola ġenerali, li hi dejjem suġġetta għall-eċċezzjoni, ukoll ġenerali, ta' l-aħjar vantaġġ tat-tfal. B'mod li l-kustodja u l-kura tat-tfal hija fdata lil min fost*

*il-miżżewġin jiġi kunsidrat aktar idoneu biex jikkurahom, meħud rigward ta' l-età u taċ-ċirkustanzi tal-każ.*

*Waqt li tkun miexja l-kawża tal-firda, il-mara, attriċi jew konvenuta, tista' titlaq mid-dar konjugali u titlob somma għall-manteniment skond il-bżonnijiet tagħha u l-mezzi tar-raġel; basta ma tirrifjutax mingħajr ma jkollha tassew għaliex, li tmur toqgħod fil-lok, jew li titlaq mill-lok, li jkun għażlilha r-raġel.*

*Fil-każ preżenti, ġie ritenut li l-mara kellha motiv biżżejjed biex tirrifjuta li toqgħod fil-lok li għażlilha żewġha; u dan għaliex dak il-lok kien qrib għal fejn kienet toqgħod il-familja ta' żewġha, u bejnha u dik il-familja kien hemm ġlied u tilwim.*

Il-Qorti — Fuq it-talba ta' l-attriċi għall-alimenti fil-pendenza tal-kawża, għaliha u għat-tifla minuri Carmela msemmija fiċ-ċitazzjoni, li attwalment tinsab għand il-konvenut, imma li tagħha titlob li tiġi fdata l-kura u kustodja anki fil-pendenza tal-kawża;

Ikkunsidrat;

Illi skond l-art. 55 tal-Kodiċi Ċivili, fiż-żmien li tkun miexja l-kawża tal-firda, ikun min ikun l-attur, ir-raġel jew il-mara, l-ulied li jkunu għalqu tliet snin jitħallew f'idejn il-missier, u l-ulied li ma jkunux għalqu dik l-età jitħallew f'idejn l-omm, kemm-il darba il-Qorti ma tordnax xort' oħra għall-aħjar ta' wieħed jew ieħor mill-ulied. Din id-dispożizzjoni taċċenna regola ġenerali, ta' l-aħjar vantaġġ tat-tfal (Vol. VIII, 556). Għalhekk il-kustodja u l-kura ta' dawn l-ulied tiġi fdata lil min bejn il-miżżewġin jiġi kunsidrat aktar idoneu biex jikkurahom, meħud rigward a' l-età u taċ-ċirkustanzi tal-każ (Vol. I, 180);

Fil-każ taħt konsiderazzjoni, it-tifla tal-kontendenti għandha wisq anqas minn tliet snin, u mill-provi mismugħa ma jidherx illi hemm raġunijiet biżżejjed li għalihom il-kura ta' l-imsemmija tifla ma għandhiex tiġi fdata, almenu għal issa, lill-attriċi. L-okkażjonijiet li fihom ġie allegat mill-konvenut li l-attriċi ma ħadetx kura biżżejjed ta' dik it-tifla huma rari, u dawk l-okkażjonijiet lanqas ma huma konvinċenti. Fuq kollox, kemm ilha t-tifla għand il-konvenut, jew aħjar ma' ommu, jiġifieri mid-19 ta' Awissu 1954, għal tliet ġimgħat l-istess omm il-konvenut ippreferiet, naturalment bl-annuwen-

za tal-konvenut, illi ħalli, mal-lejl, lil dik it-tifla man-nies. milli tibgħatha għand l-attriċi, li hija ommha; omm il-konvenut ittraskurat ukoll illi tieħu l-istess tifla perijodikament, kif kellha tagħmel, fil-klinika għall-eżami tat-tabib; u meta t-tifla ġiet hekk meħuda, omm il-konvenut lanqas ħaditha hija, imma bagħtitha ma' nies barranin;

Tikkunsidra;

Illi skond l-art. 54 ta' l-imsemmi Kodiċi, fiż-żmien li tkun miexja l-kawża tal-firda, il-mara, attriċi jew konvenuta, tista' titlaq mid-dar ta' żewġha u titlob somma għall-manteniment, skond il-bżonnijiet tagħha u l-mezzi tar-raġel, basta li ma tirrifjutax, mingħajr ma jkoliha tassew il-għaliex, li tmur toqgħod fil-lok, jew li ma titlaqx mill-lok, li jkun għażlilha r-raġel. Ma jirriżultax illi l-attriċi tilfet dan id-dritt. Huwa minnu illi l-konvenut għażel lill-attriċi lok fejn tmur toqgħod; imma dan il-lok hu ferm qrib, xi erbgħa bibien il-bogħod, minn fejn toqgħod omm il-konvenut; u mħabba l-ġlied u t-tilwim li hemm bejn dina u l-attriċi, jidher illi l-attriċi hija ġustifikata illi tirrifjuta tmur toqgħod f'dak il-lok;

Jirriżulta illi l-konvenut jaħdem fil-ġebel, u jaqla' £4. 10. 0 fil-ġimgħa;

Għalhekk;

Tipprovdi fuq it-talbiet ta' l-attriċi billi tordna illi l-kustodja u l-kura tat-tifla minuri Carmela tiġi fdata lill-istess attriċi; u għalhekk tordna lill-konvenut biex fi żmien 42 siegħa jikkonsenja l-istess tifla lill-attriċi, fid-domiċilju tagħha; u tikkundanna lill-konvenut iħallas bħala alimenti lill-attriċi, għaliha u għall-imsemmija tifla tagħha, is-somma ta' £2. 7. 6 fil-ġimgħa, u dan fid-domiċilju ta' l-attriċi, bil-quddiem u kull nhar ta' Sibt; l-ewwel rata però titħallas il-lum stess. Tirriżerva li tipprovdi dwar il-lok u l-ħin tal-viżiti li l-konvenut ikun jista' jagħmel lit-tifla, u dan fuq talba tiegħu. u f'nuqqas ta' ftehim dwar daqshekk ma' l-attriċi;

Spejjeż riżervati.